# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 10.1

**Kap 10: It-talb bħala tifħir lil Alla**

**Lezzjoni 10.1: Infaħħru lil Alla b'talbna**

**L-Għanijiet:**



**F'din il-lezzjoni l-istudenti:**

1. Jifhmu li t-talb huwa wkoll servizz.
2. Jiddiskutu nies ta' dominazzjonijiet differenti u l-modi ta' kif jitolbu.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Photostory bi stampi ta' nies minn kulturi differenti qegħdin jitolbu.
- Powerpoint Presentation: **Il-Bniedem u t-Talb** li fiha naraw it-talb u ċ-ċelebrazzjonijiet ta' nies minn kulturi differenti.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi turi lill-istudenti l-Photostory li fiha jaraw stampi ta' nies minn kulturi u reliġjonijiet differenti waqt il-ħin tat-talb tagħhom.
- Oħloq diskussjoni qasira permezz ta' dawn id-domandi u oħrajn simili:



- *X'rajtu fl-istampi ta' din il-Photostory?*
- *X'kien hemm komuni f'dawn l-istampi?*
- *X'kien hemm differenti?*
- *Għalfejn taħsbu li t-talb hu daqshekk importanti għall-bniedem?*

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)



- Spjega: *Kif rajna fil-photostory il-bnedmin ta' kulturi u reliġjonijiet differenti kollha jħossu l-bżonn li jikkomunikaw ma' xi ħadd ikbar minnhom. Dan jagħmluh kemm permezz tat-talb kif ukoll permezz ta' ċelebrazzjonijiet jew festi reliġjużi.*
- Uri l- Powerpoint Presentation li fiha ser jaraw fi ftit aktar dettal kif nies minn reliġjonijiet differenti jitolbu u jiċċelebraw il-festi reliġjużi tagħhom.
- **Nota: Mhux l-iskop ta' din il-lezzjoni li l-istudenti jitgħallmu d-dettalji bl-amment imma li huma jaraw kemm it-talb huwa parti importanti fil-ħajja tal-bnedmin u li permezz tiegħu aħna nkunu qed nagħti servizz lill-oħrajn billi nitolbu għall-bżonnijiet tagħhom.**

Waqt li tkun għaddejja l-preżentazzjoni tista' tieqaf biex tieħu xi reazzjonijiet mill-istudenti għal dak li jkunu qed jaraw u jisimgħu.

- Staqsi lill-istudenti jgħidulek x'laqathom l-aktar f'dak li semgħu waqt il-preżentazzjoni.
- Aqsam l-istudenti fi gruppi.
- Agħti ftit minuti sabiex l-istudenti fil-grupp jiddiskutu x'inhuma l-affarijiet komuni li nnutaw fir-reliġjonijiet li tkellimna dwarhom fil-lezzjoni.
- Meta jkunu lesti mid-diskussjoni, membru minn kull grupp jaqra dak li jkun intqal mill-membri. Tista' tikteb dak li jgħidu fuq il-board.
- **Xogħol għad-dar:** ħeġġeġ lill-istudenti biex jagħżlu reliġjon minn dawk li tkellimna fuqhom (jew oħrajn) u jagħmlu ftit riċerka dwar it-talb u ċ-ċelebrazzjonijiet tagħha.
- L-istudenti jistgħu jippreżentaw l-informazzjoni permezz ta' ***Word document*** bl-istampi, bħala ċart, jew *Powerpoint Presentation.*
- Bix-xogħol tal-istudenti tista' ssir sessjoni ta' *Show and Tell* li tkun integrata mal-lezzjoni tat-Taħdit fil-Malti jew inkella ssir bħala *assembly* għall-istudenti l-oħra tal-iskola.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Il-bnedmin ta' kull żmien, kull pajjiż u kull reliġjon iħossu l-bżonn li jikkomunikaw ma' xi ħadd akbar minnhom.
2. Dan jagħmluh permezz tat-talb u ċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi.
3. Meta qed nitlob, jien qed nemmen li xi ħadd akbar minni jista' jgħinni.
4. It-talb juri fiduċja f'Alla.
5. Meta nitlob għal xi ħadd qed inkun ukoll ta' servizz għalih.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)



Kuljum għandi nieqaf ftit u naħseb ftit f'Alla.

Nistaqsi lili nnifsi kemm hu importanti Alla fil-ħajja tiegħi u nipprova niftakar fih aktar ta' spiss.

Nibdew mill-ħin li jkollna fil-klassi.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



## Nitolbu

Mulej, illum rajna kif in-nies ta' kulturi u ta' reliġjonijiet differenti jippruvaw ifittxuk permezz tat-talb u ċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi tagħhom. Għinna ħalli aħna wkoll bħalhom inħossu l-bżonn li nitkellmu miegħek, li nħossuna qrib tiegħek permezz tat-talb tagħna u hekk bil-għajnuna tiegħek ngħixu ħajja li biha nagħtuk ġieħ u qima. Bi Kristu Sidna. Ammen.

